***Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan***

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**AĠENDA NUMRU 14 – 11 ta' Mejju 2020**

***Minuti tal-erbatax-il laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar il-11 ta' Mejju, 2020 fit-8:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' f'laqgħa virtwali fit-8:00 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda Numru 14. Il-laqgħa bdiet fis-20:15pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Dr. Malcolm P. Galea** | Sindku |
| | **Mark Camilleri** | Viċi-Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija:** **Ħadd**

**Assenti :** **Ħadd**

*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**Pubbliku:** **Ħadd**

**Uffiċċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

14.01 **Mozzjoni dwar PC/00112/19 – Sit f'Hal Mula, Triq Michael Debono , Zebbug** ***"Proposed change in alignment to include a pedestrian public open space and alterations to the designated use within site."*** **preżentata mill-Kunsillier Steve Zammit Lupi**

**Din it-talba qiegħda ssir fuq art li hija meqjusa fil-Pjanti Lokali (Local Plans) tal-2006 bħala sit kommessa biss għal faċilitajiet komunitarji ġewwa Ħaż-Żebbuġ, filwaqt li din it-tali talba proposta fil-Planning Control ta' PC/00112/19 qiegħda titlob li z-zona tinbidel f'waħda li tħalli żvilupp ta' residenzi ġodda. Meta wieħed jieħu f'konsiderazzjoni l-fatt li ġewwa Ħal Mula u prattikament Ħaż-Żebbuġ kollu, din hija l-unika art li fadal mhux żviluppata, u f'kuntest li Ħal Mula huwa diġà mibni sew, u li din l-art hija l-unika art ġewwa Ħaż-Żebbuġ kommessa fil-Pjanti Lokali tal-2006 bħala zona għal faċilitajiet komunitarji, b'hekk il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ għandu joġġezzjona bis-saħħa din it-talba li se tpoġġi interessi privati qabel il-ġid komuni ta' kulħadd f'Ħaż-Żebbuġ. Qiegħed titressaq din il-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex:**

**1) Il-Kunsill Lokali joġġezzjona PC/00112/19 fuq bażi li hawn bżonn kbir li zona għal faċilitajiet komunitarji tibqa'. Mhuwiex aċċettabbli li l-ftit art li fadal titħalla titkompla titnaqqar minn interessi privati speċjalment meta preżentement għad fadal ħafna opportunitajiet oħrajn għall-iżvilupp ta' natura residenzjali bħal din li qiegħda tiġi proposta, u allura m'hemmx ġustifikazzjoni għalfejn din l-art għandha wkoll tittieħed mill-komunità.**

**2) Il-Kunsill Lokali jipproponi li l-art kommessa għal faċilitajiet komunitarji tiġi żviluppata f'taħlita ta' swali u kmamar għal skopijiet edukattivi u soċjali, li jintużaw mill-għaqdiet lokali, il-Kunsill u r-residenti stess, u jinħoloq pulmun aħdar fi forma ta' ġnien, tant bżonjuż f'din iz-zona għall-familji li jgħixu fil-madwar.**

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 569191*

**3) Kunsill Lokali għandu jinforma l-pubbliku fejn jiġi mħeġġeġ jopponi din il-proposta fuq bażi individwali ukoll.**

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li ftit jiem qabel kienu ċemplulu tal-Maltatoday għall-kummenti tiegħu dwar l-art li hemm Ħal Mula. Hu qal li l-kunċett li l-art tibqa kif indikat fil-Local Plan tal-2006 kien diġa ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti.

Il-Kunsilllier Steve Zammit Lupi qara l-mozzjoni u rringrazzja lis-Sindku talli sejjaħ din il-laqgħa. Huwa tenna jgħid li issa hemm proposta u applikazzjoni PC112/19. Il-Maltatoday ghamlu kuntatt miegħu meta tweħħlet in-notifika mal-ħajt.

Il-Kunsillier Patrick Bonnici ssekonda din il-mozzjoni. Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li l-Kunsill m'għandux joġġezzjona biss għar-rezoning, iżda għandha tingħata alternattiva. Parti sostanzjali minnu għandha tkun ġnien pubbliku.
Il-Kunsillier David Battistino qal li jaqbel li l-proposta tinżamm sempliċi. Huwa qal li kien hemm diversi applikazzjonijiet li qatt ma seħħew.

Il-Viċi-Sindku Mark Camilleri qal li l-art għandha tinżamm skont kif skedat fil-local plan tal-2006.

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li huwa tkellem ma perit u ħa parir dwar kif għandha titmexxa l-oġġezzjoni

Wara diskussjoni fit-tul, il-Kunsillier Steve Zammit Lupi ppropona li dwar PC112/19,

1) il-Kunsill Lokali mhux jaċċetta li din il-biċċa art li qiegħda skedata għall-użu tal-kommunita, titħalla titkompla titnaqqar minn interessi privati speċjalment meta preżentament għad fadal ħafna opportuntajiet oħrajn għall-iżvilupp u meta tikkonsidra li z-zona hija *high densily populated* u hemm diversi żvilupp ieħor għaddej fl-istess zona

2) il-Kunsill Lokali jissuġġerixxi li jinħoloq pulmun aħdar f'forma ta' ġnien wisq bżonnjuż f'din iz-zona, kif ukoll jiġu żviluppati taħlita ta' swali u kmamar żgħar għall-skopijiet edukattivi u soċjali li jintużaw mill-għaqdiet lokali , kunsill u

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut**, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 569191*

residenti stess. Dan dejjem skont ma tippermetti l-liġi f'artijiet skedati għall-faċiltajiet kommunitarji.

3) Il-Kunsill Lokali għandu jinforma l-pubbliku fejn jiġi mħeġġeġ jopponi din il-proposta fuq bażi individwali ukoll.

Din il-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Philip Edrick Zammit. Kien hemm qbil unanimu li l-appell jiġi fformulat bis-sens tal-mozzjoni.

**Dr. Malcolm P. Galea** — **Paula M. Valletta**

**Sindku** — **Segretarju Eżekuttiv**

,

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 569191*